31988D0662

L 382/39 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 31.12.1988

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL tal-21 ta' Diċembru 1988 li għandha x'taqsam ma' l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Gomma Naturali, 1987

(88/662/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 113 u 116 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Ftehim Internazzjonali dwar il-Gomma Naturali skada;

Billi, skond id-Deċiżjoni Nru 88/107/KEE [1], l-Ftehim Internazzjonali dwar il-Gomma Naturali, 1987, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim ta' l-1987", kien iffirmat mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha fit-18 ta' Diċembru 1987;

Billi hu mixtieq li jkun żgurat li l-Ftehim ta' l-1987 jidħol fis-seħħ fuq bażi proviżorja mhux aktar tard mill-1 ta' Jannar 1989; billi, s'issa, hu neċessarju għall-Komunità u l-Istati Membri tagħha, bi qbil mal-proċeduri interni meħtieġa u la darba dawn ikunu ntemmu, biex javżaw lis-Segretarju-Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti bl-intenzjoni tagħhom biex japplikaw il-Ftehim ta' l-1987 fuq bażi proviżorja,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

La darba huma jtemmu l-proċeduri interni meħtieġa, il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom javżaw lis-Segretarju-Ġenerali ta' l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti bl-intenzjoni tagħhom biex japplikaw il-Ftehim Internazzjonali tal-Gomma Naturali, 1987, fuq bażi proviżorja, bi qbil ma' l-Artikoli 59(1) u 60 (2).

*Artikolu 2*

Il-president tal-Kunsill hu hawnhekk awtorizzat biex jinnomina persuna awtorizzata biex tiddeposita n-notifikazzjoni ta' l-applikazzjoni proviżorja tal-Ftehim ta' l-1987 Agreement f'isem il-Komunità.

Magħmula fi Brussell, fil-21 ta' Diċembru 1988.

*F'isem il-Kunsill*

*Il-President*

V. PAPANDREOU

---

[1] ĠU L 58, tat-3.3.1988, pġ. 18.